MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1934/1997/1

**Paul ATTARD għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Three Trade Co. Ltd.**

**vs**

**Loreto ABELA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Settembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-imħarrek jitqies responsabbli għall-ħlas ta' penali u d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi bil-ħruġ irregolari u abbużiv ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju kontriha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-19 ta' Ġunju, 1998, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi l-qbid tal-oġġetti ma sarx b'abbuż, imma bi żball tekniku, u dan wara li d-debituri fl-imsemmi Mandat għaddew l-oġġetti maqbuda lill-attur *nomine* b'qerq għall-jeddijiet tal-istess

imħarrek. Żied jgħid ukoll li ma tistax tintalab il-kundanna għall-ħlas ta' penali minn min ma jkunx l-intimat f'Mandat, u li, f'kull każ, hu ma mexxiex b'mala fidi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, kemm *viva voce* u kif ukoll bil-meżż tal-affidavit, u kif ukoll provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Ottubru, 2000[1], li bih ordnat li l-atti oriġinali tal-Mandat ta' Qbid numru 851/96 u tar-Rikors numru 820/96 dwar it-tħassir tal-imsemmi Mandat, jiġu meħmużin mal-atti ta' din il-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2003, tal-1 ta' Marzu, 2004, tas-27 ta' Mejju, 2004, tas-7 ta' Ottubru, 2004, u tat-13 ta' Jannar, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-kundanna ta' danni u ta' penali wara ħruġ ta' att ġudizzjarju (Mandat kawtelatorju). Il-kumpannija attriċi tgħid li minħabba l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid li fih ma kinitx intimata, makkinarju tagħha nżamm bis-saħħa tal-istess Mandat u hi la setgħet tużah u tilfet ukoll il-bejgħ tiegħu. Qegħda titlob li l-imħarrek jitqies responsabbli għal dawn id-danni u li jiġi kundannat iħallasha d-danni u kif ukoll penali;

Illi l-imħarrek iwarrab il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi billi jgħid li l-eżekuzzjoni tal-Mandat tħassret minħabba "żball tekniku", u li l-ħwejjeġ maqbuda kienu, fil-fatt, tad-debituri tiegħu imma dawn għaddewhom lil terzi b'qerq għall-jeddijiet tiegħu. Jiċħad li huwa mexxa b'mala fidi, jiċħad li ikkawża xi danni lill-kumpannija attriċi, u jgħid

[1] Paġ. 68 tal-proċess

li ma jistgħux jintalbu penali minn min ma jkunx inħareġ il-Mandat kontrih;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti joħroġ li fit-22 ta' Jannar, 1992, l-imħarrek Abela fetaħ kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[2] kontra Bertie u Hector aħwa Carter u oħrajn in rappreżentanza tal-kumpannija Cans Industries Ltd., għar-raġunijiet u bit-talbiet hemm imsemmija. Fl-14 ta' Frar, 1996[3], huwa talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju (Nru. 851/96SF) sewwasew biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu fl-imsemmija kawża. L-imsemmi Mandat ġie eżegwit fis-7 ta' Marzu, 1996, u nqabdu l-oġġetti msemmija fir-riferta relattiva[4] minn ġo post indikat bħala "Ħarruba Garage", Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard. Fuq il-Mandat, ġie msemmi li l-esekuzzjoni kellha ssir f'żewġ indirizzi oħrajn fl-istess triq. L-imħarrek kien mar mal-Marixxall meta dan ħareġ biex jeżegwih[5]. Fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tal-Mandat dak il-post kien mikri lil Paul Attard u dan il-fatt jissemma fir-rapport tal-Marixxall esekutant;

Illi l-kumpannija attriċi ressqet protest ġudizzjarju kontra l-imħarrek l-għada li l-Mandat ġie eżegwit[6], u kif ukoll rikors[7] biex titlob it-tħassir tal-eżekuzzjoni tal-Mandat safejn l-oġġetti maqbuda kienu jappartienu lilha. Dik it-talba ntlaqgħet, b'degriet tas-16 ta' Diċembru, 1996, imma l-imħarrek appella minnu. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tiegħu b'degriet mogħti fit-30 ta' Mejju, 1997[8], għar-raġunijiet hemm imsemmijin;

Illi l-ħwejjeġ maqbuda fil-Mandat kienu jikkonsistu f'makkinarju li jipproċessa t-*toilet paper* u kif ukoll srievet tal-karti, flimkien ma' aċċessorji tal-istess makkinarju u materja prima għall-produzzjoni. Il-kumpannija attriċi kienet ġabet l-imsemmija oġġetti minn barra għall-ħabta ta' Novembru tal-1995, bil-ħsieb li tbiegħhom[9]. Il-makkinarju ttieħed fil-post fejn il-Mandat ġie eżegwit. Il-

[2] Ċitazz. Nru. 70/92GC li tinsab imħollija għas-sentenza għat-28.10.2005
[3] Dok "A1", f'paġġ. 6-8 tal-proċess
[4] Paġ. 9 tal-proċess
[5] Xhieda tal-Marixxal Farruġia 4.2.2000, f'paġġ. 50-2 tal-proċess
[6] Dok "A4", f'paġġ. 19-20 tal-proċess
[7] Rik. 820/96
[8] Dok "A3", f'paġġ. 13-7 tal-proċess
[9] Affidavit tal-attur *nomine* Dok "PA", f'paġ. 35 tal-proċess

kumpannija attriċi kienet kriet il-post mingħand wieħed Ronnie Micallef għal ħamest elef lira Maltija (Lm 5000) fis-sena[10];

Illi fit-30 ta' Ġunju, 1997[11], il-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek u talbitu jagħmel tajjeb għad-danni. Fit-2 ta' Settembru, 1997, infetħet il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li l-Qorti sejra tqis biex tistħarreġ it-talbiet attriċi jaqgħu fi tliet oqsma. L-ewwel wieħed hu dak dwar il-bażi tal-azzjoni fejn qegħda tintalab dikjarazzjoni tal-ħtija u l-kundanna tal-imħarrek għad-danni. It-tieni wieħed hu dwar jekk jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex bihom l-imħarrek jista' jingħad li jaħti għad-danni. It-tielet wieħed huwa dwar il-bażi tal-azzjoni fejn qegħda tintalab il-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas ta' penali, minħabba l-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju;

Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' Mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("*qui suo jure utitur neminem laedere videtur*")[12]; it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;

Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F'dan id-dawl ta' min

[10] Affidavit ta' Ronnie Micallef Dok "RM", f'paġ. 38 tal-proċess
[11] Dok "A2", f'paġ. 10 tal-proċess
[12] Art. 1030 tal-Kap 16

jgħid li "*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente* ***il diritto*** *che egli intendeva cautelare,* ***essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto****, al che rispondeva la parola 'pretensione'*"[13];

Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti[14];

Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha[15]. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[16]. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta'[17] irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[18];

Illi, minbarra dan, l-azzjoni ta' min ikun ġarrab danni minħabba t-teħid ta' proċedura ġudizzjarja mibdija minn ħaddieħor hija waħda li l-Qrati tagħna qiesu sa minn żmien sewwa qabel ma ddaħħlet proċedura speċjali fil-Kodiċi Proċedurali fl-1995. Fil-każ preżenti, ma għandux jintesa li l-kumpannija attriċi ma kinitx parti intimata fil-proċedura tal-Mandat kawtelatorju mertu tal-każ. Minħabba f'hekk, ma jistax jitqies li l-azzjoni attriċi qegħda titressaq taħt l-artikolu 836(9) tal-Kodiċi, li japplika biss

---

[13] App. Ċiv. **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[14] Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**)
[15] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.24**)
[16] App. Ċiv. **26.1.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette vs Beżżina*** (Kollez.Vol: **XXVI.i.405**)
[17] Artt. 1031u 1032(1) tal-Kap 16
[18] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

bħala rimedju għal dik il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju;

Illi madankollu, u minħabba dan l-aspett partikolari, l-Qorti jkollha tqis jekk l-azzjoni tal-kumpannija attriċi tistax tirnexxi fuq il-kawżali minnha indikati. Fi kliem ieħor, il-Qorti trid tara jekk terza persuna milquta bl-esekuzzjoni ta' att ġudizzjarju kawtelatorju, għandhiex azzjoni għad-danni kontra l-esekutant tal-imsemmi att jekk jirriżulta li l-istess att ikun inħareġ b'mod abbużiv jew fuq raġuni fiergħa. Il-Qorti hija tal-fehma li azzjoni bħal din tista' titressaq minn kull persuna li ġġarrab ħsara fi ħwejjiġha minħabba att ġudizzjarju hekk maħruġ. Ir-raġuni ewlenija li fuqha tistrieħ il-Qorti hi li, kif ingħad, il-bażi tal-azzjoni huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali tar-responsabbilta' għad-danni. Dak il-prinċipju jrid li kull min iġib ħsara lil kull ħaddieħor b'għamil jew b'nuqqas li għalih iwieġeb, irid jagħmel tajjeb għal dik il-ħsara. Il-liġi ma tagħrafx jekk il-persuna mġarrba kinitx fil-ħsieb jew fil-mira tal-persuna li tkun għamlitilha dik il-ħsara: il-kriterju huwa r-rabta bejn l-għamil u l-ħsara li dak l-għamil ikun ġab fuq il-persuna jew ħwejjiġha;

Illi dan iġib ukoll il-konsegwenza li l-persuna li tallega li ġarrbet il-ħsara jew dannu trid tipprova kif imiss il-ħsara jew id-dannu mġarrab. F'dan ir-rigward irid jingħad li l-kwestjoni dwar jekk il-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni tal-Mandat kinux tassew tal-kumpannija attriċi jeħtieġ li tiġi ippruvata mill-istess kumpannija. Dan qiegħed jingħad aktar fid-dawl tal-fatt li l-kumpannija attriċi tgħid li parti mid-dannu minnha mġarrab seħħ minħabba li tilfet il-bejgħ tal-makkinarju sakemm dan dam maqbud bis-saħħa tal-Mandat milli minħabba l-fatt li l-oġġetti nqabdu meta kienu fil-pussess tagħha. Fuq dan l-aħħar fatt ma hemmx l-ebda dubju, għalkemm l-imħarrek jipprova jislet xi inferenzi fix-xhieda tiegħu fis-sens li ż-żamma min-naħa tal-kumpannija attriċi tal-istess makkinarju kienet xi għamla ta' arranġament bejnha u l-persuni li huwa ħarrek fil-kawża oriġinali biex l-interessi tiegħu jinġiebu fix-xejn;

Illi l-kumpannija attriċi ressqet dokumenti biex turi li kienet xtrat il-makkinarju li nqabad bil-Mandat[19]. Għalkemm tali dokumenti donnhom jirreferu għal żewġ makni, il-Qorti ssib li t-tagħrif mogħti fihom jagħtu kreditu għall-pretensjoni tal-proprjeta'. Id-dokumenti juru li l-makni li nġabu mill-Albanija kienu tal-marka "*Cassoli*", liema marka taqbel ma' dik rilevata fir-riferta tal-Mandat. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq[20] li l-makni l-maqbuda kienu l-istess makni li kienu nqabdu b'Mandat ieħor maħruġ minnu xi erba' (4) snin qabel mingħand id-debituri tiegħu[21]. Iżda jkollu jingħad li r-riferta tal-imsemmi Mandat ma ssemmi xejn dwar il-marka tal-makna maqbuda. Filwaqt li r-riferta ta' Mandat ieħor[22], ssemmi makna bil-kelma "*Festo*" miktuba fuqha. Fid-dawl ta' dawn il-provi biss, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kumpannija attriċi seħħilha turi, sa grad tajjeb ta' prova, li l-makkinarju u l-ħwejjeġ l-oħra maqbuda kienu dawk li hija kienet ġabet f'Malta minn barra;

Illi dwar il-ħsara mġarrba, l-kumpannija attriċi tgħid li d-dannu li ġarrbet kien jikkonsisti fit-telf tal-bejgħ tal-makkinarju u kif ukoll fil-kera li ħallset biex inżamm fih sakemm tħassar l-effett tal-Mandat. Dwar l-ewwel kap, il-kumpannija attriċi tillimita ruħha biex tgħid li tilfet ħamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u dan waslet għalih billi qalet li kellha arranġament ma' wieħed Carmelo Vella biex jixtrih b'sebgħin elf lira Maltija (Lm 70,000) imma spiċċat biegħet il-makkinarju b'kollox għal għoxrin elf lira Maltija (Lm 20,000) u dan billi parrtitu b'xogħol li kienet ordnat u twettaq barra minn Malta. Ma tressqet l-ebda riċevuta dwar kemm kien il-prezz li tassew tħallset il-kumpannija attriċi. Jirriżulta wkoll li hija tgħid li lil Vella kienet oriġinarjament talbitu tmenin elf lira (Lm 80,000), imma l-qbil kien ta' Lm 70,000[23];

Illi għar-rigward tal-ħlas tal-kera, il-kumpannija attriċi qegħda titlob ħlas għal żmien ta' sena u erba' xhur, jiġifieri ż-żmien li laħaq għadda bejn meta l-merkanzija u l-

---

[19] Dokti "D1" sa "D10" f,paġġ. 81-9 tal-proċess
[20] Affidavit tiegħu Dok "LA6", f'paġ. 100 tal-proċess
[21] Mandat 276/92, f'paġ. 107 tal-proċess
[22] Mandat 462/92, f'paġ. 110 tal-proċess
[23] Affidavit ta' Carmel Vella Dok "CV', f'paġ. 37 tal-proċess

makkinarju tqegħdu fil-garaxx sa dak inhar li nbiegħu u ttieħdu barra minn hemm. Ma ngħata l-ebda dettal dwar it-termini tal-kirja tal-imsemmi post, l-aktar dwar kif u kull meta kienet titħallas il-kirja. Lanqas ma ntweriet riċevuta dwar il-ħlas. Dwar dan il-fatt, iżda, l-imħarrek ma jressaq l-ebda kontestazzjoni. Il-Qorti tosserva li l-kumpannija attriċi kriet il-garaxx mingħand Ronnie Micallef biex fih tqiegħed il-makkinarju u l-merkanzija li kellha ġġib minn barra. Ma krietx il-garaxx minħabba li l-oġġetti nqabdu bil-Mandat, għaliex il-kirja saret qabel inħareġ il-Mandat. Għalhekk, bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-kirja fiha nfisha kienet dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi, għaliex intwera li din kienet għażla ħielsa tagħha magħmula fl-interessi ekonomiċi tagħha. Filwaqt li, għall-ewwel (fl-affidavit), l-attur *nomine* jgħid li l-makkinarju ġabu minn barra biex jerġa' jbiegħu, aktar tard (fil-kontro-eżami tiegħu) jidher li bidel il-fehma tiegħu għaliex jgħid li "tħajjart li nipprova nġibha Malta ħa' nipprova nħaddimha hawn"[24], tant li beda fuq dik il-linja u, meta qies l-ispejjeż, ra li kien se' jkun qiegħed jaħdem bit-telf minnha[25];

Illi dwar it-tieni stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti, u jiġifieri jekk jistax jingħad li l-imħarrek għandu jwieġeb għad-danni minħabba l-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti tibda biex tqis li fil-Mandat innifsu, ma hemm l-ebda tismija ta' xi ħaġa partikolari li kellha tinqabad fl-eżekuzzjoni tal-Mandat. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi lanqas ma għandha xi tgħid dwar il-fatt li nħareġ il-Mandat jew jekk kienx tressaq b'abbuż kontra l-intimati li kontrihom inħareġ. Għall-kuntrarju, jirriżulta bla dubju li dak il-Mandat inħareġ sewwasew biex iħares pretensjonijiet li l-imħarrek għandu f'kawża oħra kontra l-istess intimati. Dak li minnu tilminta l-kumpannija attriċi huwa li l-imħarrek insista fuq il-qbid ta' ħwejjiġha, meta kien jaf li dawk ma kinux tad-debituri tiegħu. Issemmi wkoll li dan baqa' jinsisti fuqu minkejja li kienet ressqet protest ġudizzjarju kontrih u poġġietu f'mora u ħtija;

Illi mill-provi mressqa joħroġ li l-Mandat in kwestjoni nħareġ wara li l-imħarrek sab li l-ħwejjeġ li kienu nqabdu

[24] Paġ. 74 tal-proċess
[25] *Ibid.* f'paġġ. 75-6 tal-proċess

bis-saħħa ta’ żewġ Mandati ta’ Qbid ta’ qabel kienu tneħħew abbużivament mill-post fejn kienet saret l-eżekuzzjoni. Ħa wkoll proċeduri kontra l-intimati meta ntebah b’dak li kien seħħ. U talab ukoll il-ħruġ ta’ dan il-Mandat;

Illi l-kwestjoni kollha dwar dan il-punt għalhekk hi jekk, meta talab il-ħruġ tal-Mandat ta’ Qbid fl-1996 l-imħarrek kienx imprudenti, traskurat jew naqasx mill-għaqal ta’ missier tajjeb tal-familja, u mexa b’mala fidi. Il-Qorti m’hijiex tal-fehma li tista’ ssib li l-imħarrek aġixxa b’mala fidi jew li uża jedd lil hinn mill-qies li jmiss[26]. Huwa minnu li huwa ħa sehem attiv u konsistenti biex jinsisti li jattendi mal-Marixxal fl-eżekuzzjoni tal-Mandat u ħabrek b’qawwa biex jinfetaħ aktar minn post wieħed (it-tnejn indikati fil-Mandat) u jikkuntattja lill-okkupanti jew sidien. Imma dan għamlu u tħalla jagħmlu wara li kienet sfaxxat fix-xejn l-eżekuzzjoni ta’ Mandati ta’ Qbid oħrajn, u meta kien jemmen bis-sħiħ li l-makkinarju u l-merkanzija li fuqhom saret l-eżekuzzjoni kienu l-istess ħwejjeġ tad-debituri tiegħu u li kienu nqabdu bil-Mandati ta’ qabel u li kienu abbużivament tneħħew mill-post fejn kienu bi ksur tal-istess ordni tal-Qorti;

Illi l-Qorti ssib li dawn il-fatti ma jurux li l-imħarrek talab il-ħruġ tal-Mandat b’mod fieragħ jew biex idejjaq. Lanqas ma juru li dan għamlu b’ħażen jew qerq. Il-mala fidi, meta allegata, trid tintwera minn min jallegaha. Il-fatt biss li dawk il-ħwejjeġ kienu nstabu f’post mikri mill-kumpannija attriċi, irrendew l-eżekuzzjoni waħda żbaljata, imma mhux waħda indotta bil-qerq jew mibnija fuq il-frugħa tal-pretensjoni tal-imħarrek;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel talba attriċi, għaliex ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex isostnuha. Hekk ukoll, m’hijiex sejra tilqa’ t-talbiet l-oħrajn li jinstiltu minn u jiddependu fuq l-ewwel talba;

Illi dwar it-tielet stħarriġ, li jirrigwarda t-tieni talba attriċi, il-Qorti tinnota li l-attur *nomine* ma fissirx taħt liema

[26] Art. 1030 tal-Kap 16

dispożizzjoni tal-liġi qiegħed isejjes it-talba tiegħu għall-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tal-penali. Huwa mill-kliem li bih hija msawra dik it-talba li x'aktarx kien qiegħed jistrieħ fuq it-termini miġjuba fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ta' min jgħid li l-kwestjoni tal-penali marbuta mal-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji toħroġ biss mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8), 838A u 866 tal-imsemmi Kodiċi. Filwaqt li f'tal-ewwel, ir-rimedju jista' jintalab kemm jekk il-Mandat kawtelatorju għadu fis-seħħ u kif ukoll jekk kien ġie mħassar, f'tat-tieni l-proċedura tista' tittieħed biss jekk dak il-Mandat ikun għadu fis-seħħ. Iżda, joħroġ ċar mil-liġi, li f'kull waħda minn dawn iż-żewġ proċeduri, r-rimedju tal-għoti tal-penali jeżisti biss fil-konfront tal-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ il-Mandat;

Illi, f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-għaref avukat tal-imħarrek meta qal li l-attur *nomine* ma jistax jitlob il-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tal-penali minħabba l-ħruġ tal-mandat. L-attur *nomine* ma kienx il-persuna li kontra tagħha kien inħareġ il-Mandat mertu ta' din il-kawża. Minħabba li t-tifsira li trid tingħata lil dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi għandha tkun waħda speċifika u ristretta, talba bħal din tista' ssir biss minn u tintlaqa' favur dik il-persuna li kontra tagħha nħareġ il-Mandat[27]. Ma jistax jingħad li, ladarba fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid, jinqabdu ħwejjeġ li ma jkunux dawk ta' debitur intimat imma ta' terza persuna, b'daqshekk il-Mandat jitqies li jkun inħareġ kontra dik it-terza persuna wkoll. Dan ma jidhirx li kien il-ħsieb tal-leġislatur wara dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li ma tistax lanqas tilqa' t-tieni talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-kumpannija attriċi.

---

[27] App. Kumm. **22.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et noe vs Azzopardi*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.293**) (fir-rigward ta' penali wara Mandat ta' Impediment tas-Safar ta' Bastiment)

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------